



Rapport dwar il-funzjonament tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Fis-16 ta' Diċembru 2015, il-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea adotta riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni li tikkonsisti fl-irduppar, fi tliet fażijiet suċċessivi, tan-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, u fit-trasferiment lil din tal-aħħar, fl-1 ta' Settembru 2016, tal-kompetenza sabiex tagħti deċiżjonijiet fl-ewwel istanza dwar it-tilwimiet bejn l-Unjoni u l-membri tal-persunal tagħha, li sa dak iż-żmien kienu jaqgħu taħt il-kompetenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

Fil-kuntest tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' din ir-riforma, il-Qorti tal-Ġustizzja għet mistiedna, abbażi tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament 2015/2422¹, tfassal rapport għall-Parlament Ewropew, għall-Kunsill u għall-Kummissjoni dwar il-funzjonament tal-Qorti Ġenerali, bl-użu ta' konsulent estern. Skont din id-dispożizzjoni, dan ir-rapport għandu jiffoka, b'mod partikolari, fuq l-effiċjenza tal-Qorti Ġenerali, il-ħtieġa u l-effikaċja taż-żieda għal 54 Imħallef, l-użu u l-effikaċja tar-riżorsi u l-istabbiliment ulterjuri ta' awli speċjalizzati u/jew tibdiliet strutturali oħrajn.

Il-Qorti tal-Ġustizzja bagħtet dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fil-21 ta' Diċembru 2020. It-test sħiħ tar-rapport huwa aċċessibbli mill-ħolqa segwenti: https://curia.europa.eu/jcms/jcms/Jo2_7031/.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

¹ Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 341, p. 14).